Il-gżejjer tal-Paċifku
Ried jiġu għar-rkobbtejhom
Sabiex juruk li inti
Il-mimmi ta' għajnejhom.
'Ma ġibtlek biss miċ-Ċina
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
Oh! xtaqt ukoll li ġibtlek
Il-perli minn kull plajja,
U l-bjuda mingħajr nikta
Tas-silġ ta' l-Imalajja.
L-avorju ridt inġiblek
Mis-snien ta' l-iljunfanti,
Il-ġilda tal-pantera,
U r-rix tal-għasfur ġganti.
'Ma ġibtlek biss, Madonna,
Il-warda safranija,
Li hi l-isbaħ tifsira
Tal-qalb nobbli lvantija.
U waqt li noffrihielek
Bl-eqdes wirjiet ta' qima,
Ilqa' mill-qalb ta' l-Asja,
Madonna, dit-tislima:
Wara Alla, int l-isbaħ dija;
Is-sliem għalik, Marija.

V. — *L-AFFRIKA tersaq umli, imma bi tbissima ta' tifla safja, ward* **abjad** *f'idejha suwed.*
Is-sliem għalik, Marija!

*Tinżel għarrkobbtejha, tbus riġlejn il-Madonna, tqum, bil-mod ħafna tqiegħed il-ħanniega tal-ward madwar għonq Marija, tbus lil Ġesù Tarbija fuq sidru, terġa' tinżel għarkobbtejha biex tbus riġlejn Marija, imbagħad torbot idejha, terfa' għajnejha u dirgħajha lejn il-Madonna, u tgħid:*
Madonna, inħobbok!

*Xejn iżjed, umli wisq biex titkellem. Tqum, u tbaxxi rasha lejn* **Marija***:*
Is-sliem għalik, Marija!

*Toħroġ bil-mod. L-erbgħa l-oħra jibqgħu jħarsu lejha bil-għaġeb.*



## L-AĦĦAR NARĊIS

*Ta'* A. J. GALEA

Tul xitwa żejjint bi ġmielek u ħannint bi fwieħtek sider
il-għolja ħadran.
Dawwalt il-mogħdijiet imwiegħra ta' l-isinda,
il-ħitan imġarrfa ta' l-egħlieqi,
w il-wesgħat ta' raba' ġmiem.
Skirt tħares lejn xbihetek imdawwar mal-miġra
kif din tfeġġ minn taħt ix-xulliel
qabel taqbad triqtha għall-wied.
Tqabadt qatigħ mar-rjieħ tat-tramuntana
u ntlaqt bħal għajjien fuq il-ħaxix.
Staħbejt taħt il-weraq bħal fellus taħt għajnejn ommu
biex titkennen mix-xita qalila.
U żżarġant sħiħ f'jiem il-bnazzi —
stejqirt qabel iż-żerniq,
farfart kusek min-nida safja
u rmajt fwieħtek maż-żiffa fit-tbandil ferrieħ.
Issa qed tnin —
iddardret il-bjuda ta' werqek u tfiet is-sfura ta' kusek;
għabet il-fwieħa.
Bdiet taħseb ommok għall-festa tar-rebbiegħa:
xegħlet fjakkli bojod tal-berwieq fuq kull blata
u mad-dawra kollha tar-rdum,
u kebbset ħġejjeġ kbar bi nwar il-lewż,
iddandnet bi lbies in-neofit buddist
u ksiet sidirha b'mantar iż-żagħfran minsuġ b'ward l-ingliża.

16. 2. 1959.

---

L-osservazzjoni iżjed mill-kotba, it-tiġrib iżjed mill-persuni, dawn huma l-iktar li jgħallmuk.

A.B. ALCOTT.

### ĦLAS TA' ABBONAMENT F'"IL-MALTI"

**Ngħarrfu lill-Abbonati f'IL-MALTI li l-ħlas ta' l-abbonament għas-sena 1959 għandu jibda jitħallas mill-bidu ta' Jannar, 1959, għand it-Teżorier. Dawk li baqgħu lura fil-ħlasijiet ta' l-abbonament jirċievu avviż biex iħallsu mill-iktar fis.**